Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2147

Kaz Numru 2379/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Pauline Spiteri (ID No 716454 M)

U

Charles Pisani bhala rapprezentant ta' G. Pisani Marketing Limited

Illum 7 ta' Mejju 2012

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors datat 15 ta' Gunju 2006 mibghuta lit-Tribunal Industrijali mill-Avukat Dr. Angele Formosa li bghatet dan ir-rikors ghan-nom ta' Pauline Spiteri fejn gie mitlub li tithallas seba mitt Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (LM700.56) ossia elf sitt mija u tletin euros (euros 1,630) u tigi kkorreguta d-dikjarazzjoni tal-ETC.

Pauline Spiteri maghruf bhala l-appellanta kienet assistit mill-Avukat Dr. Angele Formosa u ghas-socjeta intimata deher Mr. Charles Attard

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mas-socjeta intimata mis-sena 1994 u meta fis-sena Frar 2006 hadet xi ftit jiem sick leave tkecciet mix-xoghol meta riedet tidhol lura. Ir-rikorrenti qieghda tallega li kienet intitolata ghal tnax il-gimgha notice period.

Is-socjeta intimata fl-istqarrija taghha qalet li t-talba ma tirrizultax peress li kienet l-istess Pauline Spiteri li talbitu sabiex titlaq u talbitu sabiex ma tahdimx in-notice.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Charles Attard li huwa konsulent tas-socjeta intimata fejn ircieva struzzjonijet mid-direttur li Pauline Spiteri irrizenjat u kellha tintela l-ETC termination form bir-raguni li r-rikorrenti irrizenjat. Hafna mix-xhieda tieghu kien irrapurtat lilu.

Xehed Marcel Bonnici li jahdem l-ETC fejn xehed li Pauline Spiteri itterminat ix-xoghol taghha fil-27 ta' Frar 2006 fuq raguni li hija "resigned". Bdiet tahdem ma Lighthouse Grocer gewwa Gharb fis-sittax ta' Marzu 2006 (16/03/2006). In kontro-ezami gie dikjarat li l-impjegata ma tiffirmax il-karta tat-tluq. Spjega ukoll li kien gie l-gharus ta' Pauline Spiteri biex jitkellem fuq t-terminazzjoni ingusta ta' Pauline Spiteri.

Xehed Charles Pisani li huwa rapprezentant ta' G.Pisani Marketing Limited fejn spejga li huwa direttur tal-kumpanija intimata u qal li huwa tkellem ma Pauline Spiteri. Xehed bil-gurament u qal li Pauline Spiteri marret fuqu u qaltlu li ha tirrizenja ghax kellha xoghol iehor. Qatt ma kellu problemi maghha fuq ix-xoghol. Spjega li minhabba l-fatt li telqu zewg haddiema din ikkawzatlu problema. Qal li tah ic-cheque lill-gharus taghha. Saqsietu ghan-notice u fil-bidu irrifjuta pero ddikjara li bir-rispett taghha kien ser itieha n-notice pero hu mhux direttur wahdu. Ix-xhud spejga li kien jaf li kienet imdejqa fuq ix-xoghol specjalment minhabba ix-shift. Ix-xhud ukoll offra erba' gimghat paga waqt li r-rikorrenti riedet sitt gimghat paga u ma kienx hemm ftehiem.

Xehed Anthony Stellini fejn qal li huwa l-boyfriend taghha. Mar ikellem lill-Charles Pisani u kellhom konversazzjoni fuq it-terminazzjoni tax-xoghol taghha kemm fuq it-telefon kif ukol wicc im b'wicc. Informa lill-Charles Pisani sabiex ibiddel il-formula tal-ETC u mar l-ETC ukoll fejn gie infurmat illi l-ETC huma biss record keepers. Ma kienx prezenti meta tkellmu Charles Pisani u Pauline Spiteri.

Xehedet Pauline Spiteri fejn qalet li ilha zmien twil tahdem mal-kumpanija intimata u dejjem hadmet bhala kaxxiera. Pero fl-ahhar snin inbiddlu l-hinijiet tax-xoghol u ma setghetx tidrohom. Meta ghamlet operazzjoni u kienet diehla lura ghax-xoghol cemplet lill-principal u wara cemplilha lura fejn infurmah li l kienet qieghda tikkonfoffa. Mnkejja li marret tkellmu mal-gharus Charles Pisani infurmah li ma jridhiex hemm ghax dejjem b'wicc imdejjaq. L-istess Pauline Spiteri ammettiet li kienet gja tkellmet ma xi hadd iehor ghal impjieg iehor.

Ma ingabux xieda ohrajn

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jemman aktar il-verzjoni ta Charles Pisani. Jidher illi kellu bzonn il-haddiema u ma kienx hemm raguni valida il-ghaliex ikecci lill-Pauline Spieri ghalkemm l-istess Pauline Spiteri qalet li il-wicc ta' dwejjaq taghha kienet ir-raguni tat-tkeccija.

It-Tribunal pero ra stamba kif fuq l-ammissjoni stess ta' Pauline Spiteri li gja kienet qieghda titkellem ma kumpanija ohra fl-istess generu biex tmur tahdem mieghu dan inaqqas i-kredibilita tar-rikorrenti.

It-Tribunal ghalhekk ma ghandux dubbju li s-socjeta intimata kella ragun meta qalet li kienet ir-rikorrenti li irrizenjat.

It-Tribunal pero wara li sema lill-Charles Pisani jaccetta li jaghti lir-rikorrenti erba' gimghat paga din il-wedgha ghalhekk irid izommha.

It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi illi l-r-rikorrenti Pauline Spiteri ma ppruvatx il-kaz taghha u qieghed jemmen aktar lill-intimat Charles Pisani ghar-rigward il-fatti kif graw

## Decizzjoni

It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrenti billi

jiddikjara illi l-kumpanija kienet gustifikata li timla l-formula tal-TC kif ghamlet pero stante li l-istess Charles Pisani kien offra erba' gimghat ispaga ossia notice qieghed jordna lill-istess socjeta intimata thallas is-somma ta' hames mija u tlieta u erbghin euros (euros 543) lir-rikorrenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti hlief ghal dak ordnat fis-sentenza fl-ammont ta' hames mija u tlieta u erbghin euros (euros 543)pagabbli lir-rikorrenti.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Spiteri
Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju